# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar il-Erbgha, 20 ta' Jannar, 2016

**Talba Nru: 762/2015 DMA**

**Quintano Foods Limited (C33660)**
**Vs**

**Chai T.T.T. Limited (C 46281)**
**u**
**Ivanov Lalo (ID. 32662A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-11 ta' Settembru, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi s-somma premessa ta' elf, erbgha mija erbgha u sittin ewro u tnejn u tletin centezmu (€1,4646.32) tirrapprezenta prezz ta' prodotti mibjugha u debitament ikkonsenjati lill-konvenuti Chai T.T.T. Limited (C 46281) u Lalo Ivanov (KI Nru 32662A), u hija dovuta mill-istess konvenuti favur is-socjeta' attrici Quintano foods Limited (C 33660) sknd l-anness statement of account immarkat Dok A u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenuti kienu dahlu bhala garanti personali ghal kull debitu;

Illi l-konvenut, ghalkemm interpellat diversi drabi, anke permezz ta' ittra ufficjali tat-24 ta' Novembru, 2014, ipprezentata a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, huma baqghu inadempjanti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejejz, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali hawn fuq imsemmija, u bl-imghax kummercjali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kolha, kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Xehdet il-PL Alison Wadge li kkonfermat bil-gurament illi l-ammont ta' elf, erbgha mija erbgha u sittin ewro u tnejn u tletin centezmu (€1,4646.32) ghadu dovut fl-intier tieghu.

It-Tribunal jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta in solidum mal-konvenut l-iehor ihallsu l-ammont ta' elf, erbgha mija erbgha u sittin ewro u tnejn u tletin centezmu (€1,4646.32), bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez tal-kawza ikunu a karigu tal-konvenuti.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**